**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2025**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1207/2024 JVC**

**MMH Malta Limited (C28154)**

**vs**

**Il-Bastiment M/Y Nautilus (Nru. Reġ. MFC-6795) u Nautilus Boat Charters Limited (C50058) in solidum u bejniethom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-soċjeta' MMH Malta Limited prezentat bil-procedura tal-giljottina datat 7 ta' Novembru 2024 li jaqra kif isegwi:

1. 'ILLI s-soċjetá esponenti topera l-faċilitá marittima magħrufa bħala il-*Mediterranean Maritime Hub*, fil-Port il-Kbir, il-Marsa, minn fejn toffri servizzi marittimi lill-opri tal-baħar li jinkludu l-irmiġġ (fil-baħar, jew fuq l-art), il-manutenzjoni, it-tiswija u t-tlugħ mill-baħar tal-opri tal-baħar, u sussegwentement l-inżul tagħhom lura fil-baħar.

2. ILLI lejn l-aħħar tas-sena 2019, is-soċjetà rikorrenti ġiet avviċinata mis-Sur Paul Caruana bħala d-direttur tas-soċjetà Nautilus Boat Charters Limited (C50058), u liema soċjetà hija s-sid tal-bastiment "M/Y Nautilus" li hija rreġistrata taħt il-bandiera Maltija u għandha n-numru tar-reġistrazzjoni MFC-6795. Is-soċjetà rikorrenti intalbet tipprovdi numru ta' servizzi fuq dan il-bastiment, bħalma jirriżulta mill-invoices eżebiti bħala Dok. **MMH.1** sa' Dok. **MMH.14** (inkluża *credit note* waħda, eżebita bħala Dok. **MMH.15**), liema servizzi essenzjalment kienu jikkonsistu f'servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, kif ukoll servizzi ta' irmiġġ fuq l-art, u ċjoè 'hardstanding'. Is-servizzi ngħataw fl-intier tagħhom u bil-kwalità mistennija f'din is-sengħa – u fil-fatt is-soċjetà intimata qatt ma lmentat mas-soċjetà rikorrenti dwar il-kwalità tas-servizzi provduti jew xi mankanza oħra.

3. ILLI interpellata tħallas permezz ta' serje ta' emails (Dok. **MMH.16**) u ta' ittra bonarja datata 26 ta' Ottubru, 2020 (Dok. **MMH.17**) is-soċjetá intimata baqgħet inadempjenti u qatt ma tat ġustifikazzjoni valida il-għalfejn il-bastiment intimat m'għandux iħallas l-ammonti dovuti minnu;

4. ILLI sal-lum is-somma dovuta lis-soċjetà rikorrenti hija ta' **tnejn u sebgħin elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u għoxrin Eurocenteżmi (€72,479.26)**, hekk kif jirriżulta mill-prospett anness u mmarkat Dok. **MMH.18**;

5. ILLI llum il-ġurnata il-bastiment intimat għadu *on the hard* fi stat ta' abbandun fil-*Mediterranean Maritime Hub*, u kwindi fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti; u s-soċjetà rikorrenti tgawdi minn pleġġ possessorju fuq l-istess bastiment ai termini ta' l-Art. 54(1) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. ILLI d-debitu ta' l-intimati huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-esponenti l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talba rikorrenti;

7. ILLI l-kreditu dovut lis-soċjetà attriċi huwa kreditu *in rem* ai termini ta' l-Art. 742B(o) u (p) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant din l-azzjoni qed issir kemm direttament fil-konfront tal-bastiment intimat, kif ukoll kontra s-soċjetá intimata;

8. ILLI l-fatti indikati fil-paragrafi preċedenti ta' dan ir-rikors huma magħrufin lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tiegħu bħala direttur tas-soċjetà rikorrenti;

9. ILLI għaldaqstant jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha sabiex dina l-kawża tinstema' bid-dispensa mis-smiegħ, ai termini ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant is-soċjetá MMH Malta Limited titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tilqa' t-talba tas-soċjetá rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikkjara illi l-intimati huma debituri solidalment u bejniethom tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' **tnejn u sebgħin elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u għoxrin Eurocenteżmi (€72,479.26)** dovuta għar-raġunijiet suspjegati;

(iii) Tikkundanna l-intimati solidalment u bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjetá rikorrenti is-somma ta' **tnejn u sebgħin elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u għoxrin Eurocenteżmi (€72,479.26)**, u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-data ta' kull invoice, sad-data tal-pagament effettiv a tenur ta' l-Art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.'

Rat id-dokumentazzjoni annessa mal-istess rikors ġuramentat inkluż id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-fatti ta' Paul J. Abela esebita a fol. 5 tal-proċess li jispjega l-ammonti kif inhuma dovuti u l-*invoices* annessi mal-istess.

Rat kif l-intimati taw ruħhom b'notifikati fil-verbal tas-6 ta' Marzu 2025.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess is-soċjeta' rikorrenti irriduċiet l-ammont mitlub għas-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) u żammet ferm it-talbiet tagħha fuq dan l-ammont.

Rat illi l-intimati permezz ta' Dr. Giglio fl-istess verbal tal-lum ammettew it-talbiet kif ridotti.

Illi l-Qorti minn dak li rat fl-atti partikolarment mid-dokumentazzjoni u mill-affidavit imsemmi tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati. Fi kwalunkwe każ il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ammettew it-talbiet. In vista ta' dan il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u l-ammont ridott.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-intimati huma debituri solidalment u bejniethom tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) dovuta għar-raġunijiet spjegati fir-rikors ġuramentat;

3. Tilqa' it-tielet talba u tikkundanna lill-intimati solidalment u bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjetá rikorrenti is-somma ta' ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) u dan oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza in vista li l-ammont dovut ġie ridott illum stess.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati in solidum u bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Marzu 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Marzu 2025**